**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-INFORMATIKA, TEKNOLOĠIJA U INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**LAQGĦA NRU 2**

**It-Tlieta, 20 ta' Jannar 2026**

Il-Kumitat Permanenti għall-Informatika, Teknoloġija u Intelliġenza Artifiċjali iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-3.49p.m.

L-Onor. Ray Abela, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Naomi Cachia u l-Onor. Jerome Caruana Cilia.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 1 li saret fis-17 ta' Novembru 2025, ġew konfermati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Ray Abela, qabel ma fetaħ it-tieni laqgħa uffiċjali tal-kumitat, tkellem fuq il-laqgħa li bħala kumitat għamel fil-binja ta' Malta Digitial Innovation Authority fejn hemmhekk iddiskutew maċ-Chairperson tal-Awtorità stess x'qed isir mill-MDIA. L-Onor. Ray Abela poġġa fuq il-Mejda tal-Kumitat s-sommarju ta' x'intqal u x'punti ssemmew fil-laqgħa.

Dok 4 – Sommarju tal-Laqgħa li saret fi ħdan l-MDIA

**PREŻENTAZZJONI MINN DIRECTORATE FOR DIGITAL LITERACY AND TRANSVERSAL SKILLS**

Il-Kumitat għadda għall-item li kien immiss fuq l-aġenda li kienet il-preżentazzjoni mingħand is-Sur Neil Patrick Attard, Direttur fid-Direcotorate for Digital Literacy and Transversal Skills (DDLTS). Wara introduzzjoni qasira, is-Sur Attard beda bil-preżentazzjoni tiegħu.

Dok 5 – Preżentazzjoni mid-Directorate for Digital Literacy and Transversal Skills

Wara li s-Sur Attard lesta mill-preżentazzjoni, saru diversi mistoqsijiet mill-membri tal-Kumitat.

**AFFARIJIET OĦRA**

L-Onor. Ray Abela informa lill-kumitat li l-laqgħa li kien immiss kienet se tkun off-site u din id-darba kienet se ssir għand il-Malta Information and Technology Agency (MITA).

Fl-4:45pm, il-Kumitat aġġorna għal laqgħa oħra uffiċjali fil-binja tal-Parlament għal nhar it-Tlieta, 3 ta' Frar, 2026 fit-3.30pm fejn se jkun mistieden iċ-Chairperson ta' TechMT.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. RAY ABELA, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**